# Qorti tal-Magistrati (Malta)

# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Il-Pulizija

(Spettur Ritienne Gauci )

Vs

Deryn Paul Camilleri Ref 2082/22

Illum 7 ta' Marzu 2023

Il-Qorti

Rat li l-Imputat Deryn Paul Camilleri 37 sena iben Victor u Josephine nee Casha imwieled Pieta' fit-08/11/1984 u resident gewwa "Binja Hamrija," Flat 9, Triq il-Hamrija, Naxxar ID 538284(M) akkuzat talli fix-xahar ta' Frar 2022 u zminijiet ta' qabel din id-data gewwa dawn il-Gzejjer Maltin b'diversi atti maghmulin minnek ukoll jekk fi

zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda.

1. Gibt ruhek b'tali mod li tajt fastidju lil Sandra Borg ID 276871M;
2. Aktar talli b'mod li kont taf jew imissek kont taf li kont ta' fastidju ghal istess Sandra Borg;
3. U aktar talli nhar is-6 ta'Frar 2022 ghal habta ta' 21:25hrs gewwa "OttoClub" maghruf bhala L-Kazin tal-Peace gewwa Triq il-Labour, Naxxar ghamilt lil istess Sanndra Borg, ingurji u/jew theddid mhux imsemmija band'ohra fil-Kodici Kriminali jew jekk kont ipprovokat ingurjajtu b'mod li hrigt barra mill-limiti tal-provokazzjoni.
4. U aktar talli nhar is-6 ta' Frar 2022 ghall-habta ta' 21:25hrs gewwa "Otto Club" maghruf bhala l-Kazin tal-Peace gewwa triq il-Labour, Naxxar hebbejt kontra Sandra Borg minghajr ma drobtha.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex barra li tapplika l-piena skond il-lig tapplika ukoll artikoli 382A 383 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta ta' Sandra Borg.

Rat l-artikoli 18, 251A(1)(a), 251A(1)(b), 339(1)(e), 339(1)(d) 382A 383 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat x-xhieda kollha prodotta mill-prosekuzzjoni.

Rat li l-Imputat ghazel li ma jixhidx.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha ezibitit.

Semghet it-trattazzjoni.

**Ikkunsidrat**

**Sandra Borg** xehdet fis-7 ta' Marzu 2023 –

Avu: Mela sinjura Borg jekk tista tispjega l-Qorti x`gara ma garax massur Deryn Paul Camilleri ibda mil-bidu il-granet u x`gara?

Xhud: Le din storja ilha ghaddeja 3 snin mit-2019 ovvja issa waqfet ghal-ftit ghax gej il-Qorti gahndi sensiela ta fastidji minn ghandu dan plus li kien tani fastidju ikrah li ma kontx kxiftu ma tkellimt xejn zammejt halqi maghluq pero umbaghd sirt naf li maril-pjazza tan-Naxxar xenxilni dan li kien gie mieghi li kellu x`jaqsam mieghi u hekk, sa fl-ahhar umbaghad baqa` jaqbad mieghi itini l-fastidji kien sawwatli l-keba go rasha ghalxejn missieri kien bil-cancer jaqa` ma l-art jidhaqli bih dawk l-aaffriet u kull darba ghax ma hallejtnix dana issa dan dejjaqni u jiena nememn bil-Qorti biss ma ghamiltlux kif ghamillu haddiehor dan qed tifehm.

Avu: Sinjura Borg inti triq taghti id-dati ta meta graw u spjega x`gara f`dawn id-dati?

Xhud: Mela fl-14 ta` Awwissu tat-2019 xil-kwarta ta` filghodu kien rani il-pjazza tan-Naxxar u jiena kont niezla id-dar bil-mixi u peress li joqghod kantuniera warajja dan qalli fejn sejra ghedtlu mhux niezla id-dar qalli irkeb u ghedtli issa nimxiha qalli u irkeb mhux quddiem il-bieb t`ommok ha naghddi u ma nafx fettili irkibt jien irkibt dak il-hin u mat-triq qalli imorru dawra qalli ghax m`ghandix aptit norqod jiena ghedt il-verta dak il-hin la ghedtlu iwa u lanqas le naf

li ghedtlu jien ghajjiena qalli u imxi dawra u tlaqna u minn dawra pero umbaghad spiccajt ta` Qali taht hajt tas-sejjiegh hemm kien hemm bozza tal-Gverna ghedtlu x`gara ghedtlu ghax jien mhux diehla l-UNO qalli le qalli sakkar il-lock tal-karozza kien u insomma ittantani sesswalment dan pero jiena ma grali xejn.

Qorti: Meta qed tghid li fil-karozza x`ghamel ezatt sinjura?

Xhud: U li gara xejn ta` barra minn hawn ghax wasalt qawwija u shiha id-dar sakkar il-karozza u li kien gara kiebet issakkret il-karozza u ezatt kif issakkret il-karozza normali fetah iz-zip hareg li kellu johrog u daqsekk jiena ma kellix x`jaqsam mieghi il-veritajien ama rridx noqghod ingibha imma jista jkun sakkar il-lock vizzju dan ifhimni pero wasalt qawwija u shiha in-Naxxar jien ma kellux x`jaqsam mieghi bil-forza igifieri il-verita li hu li intuzat il-pala ta jdejh issubgha u beda jtini bil-ponn gol-partin tieghi int ha toqghod meighi ghas sess biss ha toqghod mieghi gahs sess biss dak it-tip ghamilli kull ma tani 5 daqqiet biss u bdejt nghidlu qed tweggani kemm int salvagg u ghedtlu imxi ha nitilqu umbaghad peress li kien hemm l-Uno miftuh bdew ghaddejin in-nies bil-mixi u ghedtlu inti ha nitilqu u bdejt naghti bil-ponn ghedtlu imxi ha nitilqu umbaghad startja u telaq qalli imxi ha toqghod taghjjat le minn daqsekk saq ta ragel li hu in-Naxxar u wasalt in-Naxxar qawwija u shiha u ma kelliex marki ghax f`ghonqi jew xi haga almenu u zammejt kollox mistur ghax kelli li missieri l-ahhar xahar ta hajtu kien diehla u hierga l-

isptar bih bil-cancer uuuu ma nafx kif ghadni hajja bl-inkwiet li xrobt jien veru b`sahhti.

Avu: Umbaghad x`gara?

Xhud: Umbaghad ovvja kif inzilt mil-karozza qalli ha toqghod mieghi ghas-sess biss ghedtlu ma tarax li mhux se noqghodmieghek ghas-sess biss jien qalli qalli jien biex nahxik f`sormok irridek u ghalxejn iktar aqqas temmen ghedtlu inti bis-serjeta ghedtlu aqqas ebda ragel qatt ma qalieli dik il-kelma u bis-serjeta taa jaghffigni trakk jekk mhux vera sur Magistrat, umbagahd ghamilt xi jumejn ma telghax lejn il-pjazza ma resaqx l`hemm ma rajtux umbaghad kont rajtu xi dik il-gimgha il-pjazza sellimli u sellimtlu ghax kollox normali pero jien qabel iz=nzilt mil-karozza kont ghedtlu, ghedtlu hallini kwieta ghedtlu ibzax haddma jkun jaf x`gara mhux se nitkellem jien zammejt halqi maghluq ifhimni dan ma kellux x`jaqsam mieghi bil forza tani xi xebgha jew dawn l-affarijiet kull ma uza il-ponn ta` jdejh daqqiet bil ponn fil-parti tieghi biss, insomma umbaghad beda jtini l-fastidji missieri umbaghad beda riesaqq iz-zmien li ha jitlaq u kienu baghtuh mil-isptar u telagh l-pjazza miskin u inzerta waqa` misssieri dan mar minn saqajh u ceda dan u gabruh in-nies u dan dan sur Magistrat jidhaq heqqq talli ma hallejtnix qalbi maqsuma issa jiena mhux biss il-pjazza ikun hemm tan-Naxxar ikun hemm hija u ghandi zewg kugini ikunu l-pjazza tan Naxxar wiehed mil-kugini tieghi lahaq kien fil-grupp taghhom jixorbu dan, qatt hadd ma ghednilu xejn qatt ma ghamilnilu xejn dan ghedtilhom arama tmissuhx ara ma tmissuhx

nistenna l-Qorti, il-Qorti biss triq issalvani il-bqija jien ma mmisx idejja ma xejn jien ghandi 52 sur Magistrat jiena dalwaqt naghlaqhom qatt ma ghamiltom dawn u mhux ha naghmlhom.

Avu: Okkazjonijiet ohra x`gara u x`ma garaxx?

Xhud: Umbagahd kont sejra f`dik il-gimgha kienu gejjin tal-Kunsill ghandi ghax ghandi il-post tieghi ghandi d-dar tieghi personali kienu gejjin fil-5 kellhom jigu ghall affarijiet u fl-4.30 kont sejra bil-mixi lejn id-dar jiena pero qabel ma ghamilli ta missieri din ovvja u rajtu qalli orajt ghedtlu orajt jien fejn il-karozza ghedtlu iva orajt jien din dejjem bqajt il-punt li orajt ghax qatt ma ridt kummiedji mal-girien il-verita umbaghd qalli fejn sejra ghedtlu sejra sal–post qalli kont nigi narah heq u jiena il-verita dak il-hin qisu xi hadd qalli ahjar tghidlu iva ghax jivvendika ruhu dan u ghedtlu ejja jekk trid tigi tarah qalli il-bieb miftuh ghedtlu iwa hallih ghedtlu ha nnizzel l-affarijiet ghax gejjin tal-Kunsill dan fl-4.30 u xil-5 kellu jaghddi it-trakk suppost pero gie wara irrejalizzajt mhux biex jara l-post gie wara li telaq indunajt dahal kemm ghamel naqra hekk talabni jixrob bilhaqq ghax kellu l-ghatx tajtu jixrob iva kelli mil-frigg sadattant qed nistenna l-ohrajn gejjin umbaghad qalli ha nidhol naghmel toilet ghedtlu idhol u telaq qalli ha mmur ghax ghajjien kwarta kollox dam hemm gew ghedtlu orajt hi itlaq caw f`qalbi ghedtlu mela wara li tal-Kunsill haduli l-affarijiet ghax nizzilt l-affarijiet dhalt naghmel toilet jiena aqta x`insib insib li kien pixxieli ma l-art fit-toilet, igifieri mela mhux

biex jara l-post gie biex ippixili ma l-art issa din il-haga kien jaghmilha lil tal-kazin meta kien gibidlu l-attenzzjoni biex lil ma jtinix fastidju qallu ghax inkeccik minn hawn jekk ha tkompli taqbad maghha qed tifehm pixxielu ma l-art qallu hu stess.

Avu: Mela x`garalek iktar?

Xhud: Igifieri hekk jaghmel dan, issa umbaghad komplew il-fastidji ma jistax jarani bilqeghda il-pjazza niehu kafe jien dak iz-zmien ma stajtx nohrog bil-fors in-Naxxar kelli noqghod habba l-Pa ghax ommi kienet tghidli titbieghedx minn hawn ghax ovvja lili ccempel jekk jaqala dan. In-naqra li kont niehu kafe hemm fuq insib lilu jaghmilli hajti martirju beda umbaghad,

Avu: Sinjura inti trid tghid id-dati u x`ghamillek?

Xhud: Ifhimni umbaghad wasal 27 ta` Ottubru tat-2019 u kont sejra fejn missieri u dan Deryn rani minn filghodu u jien ma riedx kliem iktar ghedtli hallini kwieta taf x`ghamilli gie mal-bar qed nixtri sakemm qed inhallas gie qalli isma qalli imbilli mhux tkellimni jien xorta parlajt ma 3 li jiena gejt mieghek ghedtlu x`inhu ghedtlu itlaq l`hemm qalli mhux hekk qalli tghidx kemm bdejt tinghi qalli jien u nahxik ghax ghandi biex ara naqra fiex wasalna ara naqra u jekk mhux veru itajjarni trakk sa lejla, issa umbaghd dak in-nhar stess aqqas xrobtu il-capuccino hallejtu

hemm u tlaqt lejn id-dar wara nofs in-nhar wara li tlaqna lejn l-isptar ommi qaltli dik il-kelba ohrogha naqra ghedtilha li tant kelli apatija fuqi li dil kelba tfajtha fil-karozza u mhux mexxejtha tellajtha fil-karozza il-pjazza biex niehu kafe u nsibu kien ghadu hemm kif dhalt ma bsartx li ha nsibu hemm dan kien gahdu hemm u kif dhalt dan qalli kif inhu missierek ghedtlu missieri xahar fadallu ghax qalulna li xahar fadallu kif gehdtlu hekk qbad imelles ras il-kelba qas tememn toy poodle gahndi ta l-idejn qabad imelles il-kelba sa kemm qed nohrog il-flus kif qed imellsilha rasha qed jaghmlilha hekk u gibdilha sufha u dil-kelba werzqet u jen ghedtlu x`gara x`gara fajjrilha daqqa hekk qalli talli ma hallitniex u kemm hi agressiva dil-kelba hekk qalli kemm taghjjat ghetlu gbiddtilha is-suf tista ma taghjjatx. Wara dawn is-sensieli kollha umbaghad ghaddew granet wasal Mejju beda fis-16 ta` Mejju kien 2021 kont qeghda bilqeghda wahdi wahdi qas kelli kelba mieghi u qed nixrob cappucino narah hiereg mil-kazin tal-futbol gej ghall-oppost tieghek hekk bil-flixkun ttal-Heineken qabdu hekk u tefali ta go fih xehitli ta go fih. Issa ha nghidlek wara xi xhur ergajna ovvja ma nkellmux pero xorta baqa` jdejjaqni gej dan dejjem gej ma jistax jara ragel blqegdha ma genbi irid jigi biex taparsi jien tieghu dan taparsi gie mieghi dan pero meta issawtet il-kelba sinjura jien kelli argument mieghu l-ghada tlajt iwa mort insaqsieh ghaliex wehlet il-kelba bla bzonn u kull ma ghamilt insibu l-kazin jilghab l-biljard u ghedtlu ghedtlu tista tghidli il-kelba. Li gara tas-6 ta` Jannar 2022 dik fid 9.15 ta` bil-lejl dhalt l-kazin nixtri pakkett sigaretti u bilfors mingahndha kelli immur ghax milli inpejjep jien il-hanut li kien miftuh ma

kellux kelli nitla ghandha u nghidlek il-verita kont qed inzarma tal-milied kif dhalt tal-bar ghax nafha habib ghedtilha ha jkolli nitlaq ghax gejt nixtri biss ghax qed inzarma qaltli dik il-kelba ovvja qaltli kemm hi kwieta  qabez dak qal kerha kemm hi kerha u ma tajtx kaz rega qalli kemm hi kerha ghedtlu halliha dil-kelba Deryn oqghod kwiet ghamilli hekk EEEEE dan hemm il-film taghha din l-istorja gifieri qomt bie nitlaq umbaghad jien qomt biex nitlaq u kif qomt biex nitlaq dan bi spalltu li lili tefani fuq is-sufan anzi fuq is-sufan gejt bilqeghda mal-kelba il-kelba mam-ewwel indunajt li gara xi haga bdiet tinghi umbaghd kif ezatt dar hekk faqa tazza mal-bar u kien gej bis-seq tal-hgieg ghalija issa fil-flm jidher ghax jien rajtu tal-bar tal-bar zammlu jdejh qallu oqod kwiet tal-bar umbaghad dak il-hin qbadt ghedt hekk leee issa umbaghda qbadt ghedtlu veru qed jiddispjacini ghedtlu li ma rrapurtajtikx ghedtlu kemm inti tifel kiesah.

Avu: Sandra minn dakin-nhar kien hemm okkazzjonijiet ohra?

Xhdu: Issa minn dak in-nhar umbaghad mort l-ghassa u ddecidejt naghmel rapport dawn huma kollegi tieghi sinjura kelli nghid kollox umbaghad issurgent tghidx kemm sthajt nghidlu x`gara ghax kelli nghidlu b`kollox umbaghad anka minn tal-bidu ta l-ewwel gurnata gahx beda jsaqsini x`gara u ma garax kelli nghidlu u x`ghmailt u ma ghamiltx gol-karozza ghax jien il-verita f`hin minnhom kelli naghmillu xi haga apposta ghamiltha ghedt biex forsi u ghamiltha vi skop x`hin beda jaghafasli ghonqi ghax hu beda inizzilli rasi l-

```
isfel u b`subajh qishom tnalja kienu hawnekk hekk
biex naghmillu dik ix-xi haga hemm isfel qed
tifhem b`halqi igifieri ghamiltha dak il-hin
ghedt ahjar nibda naghmilha halli x`hin halqi
inhoss idejh qed jinhallu hrigt minn taht idejh u
hrigt minn taht idejh dak il-hin bil-malti lilu
hallejtu f`nofs lehja, dawk l-okkazzjonijiet.
```

**PS 1026 B Gauci** xehed permezz ta' affidavit. Hu ma kienx presenti ghal ebda incident u ha l-vezjonijiet tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi Sandra Borg qalet hafna affarijiet fix-xhieda taghha imma sfortunatament  kienet impreciza hafna.

Illi f'dawn ic-cirkostanzi tara li ma hemm l-ebda prova rigwardanti it-tielet u raba' imputazzjoni u rigawardanti  L-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet , jissemmew hafna dati, 14 ta ' Awwissu 2019, 27 ta' Ottubru 2019, 16 ta' Mejju 2021 imma ma jissemma' imkien ix-xahar ta' Frar 2022 jew data vicin Frar 2022.

**Decide**

Ghaldaqstant l-Qorti ma issibx lil Deryn Paul Camilleri hati ta' l-ebda wahda mill-imputazzjoijiet u konsegwentement tilliberah minn kull htija u piena.

**Magistrat Dr Yana Micallef Stafrace LL.D.**

**Doris Serpina Sciberras**

**Deputat Registratur**